MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 245/2009

**A B**

**-vs-**

**C B f'isimha proprju u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2009 giet nominata bhala kuratrici ad litem tal-minuri D B li gie kjamat fil-kawza bl-istess digriet; u Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi huwa zzewweg lill-intimata C B nee' E fl-20 ta' Jannar 2003.

Illi fit-8 ta’ Mejju 2009 twieled tifel li jismu D u dan it-tifel gie registrat bhala iben l-esponenti permezz ta’ certifikat tat-twelid numru 1702/2009.

Illi effettivament l-imsemmi tifel m’huwiex iben l-esponenti u dan stante illi mit-8 ta’ Mejju 2008 ‘il quddiem, l-esponenti u l-intimata martu ma baqghux aktar flimkien u ghalhekk kien impossibli li l-esponenti jkun il-missier ta’ din it-tarbija. L-indikazzjonijiet huma li t-tifel jista’ jkun iben F G (ID 162779M) li mieghu l-intimata qieghda prezentement tghix.

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi ili r-rikorrenti m’huwiex il-missier naturali tal-imsemmi tifel minuri D li twieled fit-8 ta’ Mejju 2009 f’Tal-Qroqq, Msida, Malta u li gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta’ certifikat numru 1702/2009

Tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrenti mill-imsemmi Att ta’ Registrazzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita’ u ghall-ahjar rizoluzzjoni ta’ din il-kawza u kif ukoll minhabba ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 75 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jigi msejjah fil-kawza l-minuri D B li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

Illi in linea preliminari ukoll, galadarba din hija kawza ta' *denegata paternita'*, ir-rikorrenti jehtieglu jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti talanqas wahda mic-cirkostanzi li hemm imsemmija fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi salv ghall-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi madanakollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna, l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri D B, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha moghtija lilha bl-Artikolu 70 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1702 tas-sena 2009;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2010 li fiha C B tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur.

Rat li, madanakollu, din ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti A B qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-minuri D li twieled lil martu fit-8 ta’ Mejju 2009 m’huwiex fil-fatt ibnu.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti, bix-xhieda prodotta rnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li dak li qed isostni huwa minnu. Partikolarment rilevanti f’dan il-kuntest huma r-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti mill-esperti u minnhom konfermati bil-gurament li ma jhallu ebda dubju li l-minuri m’huwiex wild ir-rikorrenti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba ta’ A B u tiddikjara illi l-minuri D li twieled fit-8 ta’ Mejju 2009 m’huwiex wild A B. Il-Qorti tordna li mill-Att tat-Twelid Nru. 1702 tal-2009, mill-kolonna bid-dettalji tal-missier jithassru l-konnotati ta’ A B u jitnizzlu minflok il-kliem “missier mhux maghruf”. Mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem “*the said*”.

L-ispejjez jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------